MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2550/2002

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Mario Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm345.25), prezz ta' premia fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici ghak-karigu tal-kkonvenut u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rrinunzjat ghall-meritu stante hlas fil-mori u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jiddikjara li l-meritu huwa ezawrit, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------